MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 110/2010

**A B**

**-vs-**

**C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Ottubru 2005 kemm civilment kif ukoll bir-rit kanoniku skond id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. OF1, u l-ebda tfal ma twieldu minn dan in-zwieg;

Illi l-partijiet isseparaw fis-26 ta' Marzu 2010, u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Sam Abela;

Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre, il-kunsens tar-rikorrenti A B inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz odjern.

Ghaldaqstant, u ghar-raguni fuq esposta, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Ottubru 2005 huwa null u bla effett legali ai termini tal-artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-initmat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhud.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fl-2005 wara li xi snin qabel, kienu ltaqghu f'"chatroom" fuq l-internet. Huma sseparaw ftit snin wara. Jirrizulta illi r-rikorrenti qatt ma kellha hsieb li tizzewweg. Xtaqet tghix mal-intimat minghajr ma tizzewweg u hekk talbitu taghmel. Madanakollu, hu ma xtaqx jidhol f'koabitazzjoni. Lanqas ma xtaqitha taghmel hekk ommha. Spiccat izzewget biex tikkuntentahom it-tnejn. L-affidavit prodotti minnha kollha jikkonfermaw dan, kif jikkonfermaw ukoll il-fehma taghha li ma jkollhiex tfal.

Fl-affidavit taghha tghid hekk:

"*C ried jizzewweg bilfors, u dan ghalkemm kien jaf li dik ma kinitx ix-xewqa tieghi, ghax jew nizzewgu jew ninfirdu. Ommi ukoll riditni nizzewweg u kienet tghidli li jekk ma nizzewwigx imma npoggi, jiena m'ghandix cans li ser nidhol lura ghandha. Kienet taghmel mezz li tghidli ukoll li kont qed ninkwetaha hafna u li wiccha kien qed jitlghalha kollu ahmar bl-inkwiet, u li dan kollu kien tort tieghi ghax jiena kiesha u ma ridtx nizzewweg b'kapricc.*"

"*Ta' min jghid li mill-ewwel gurnata li bdejna nohorgu flimkien u tul iz-zmien kollu li domna mizzewgin jiena kont bqajt niehu l-birth control pill sabiex ma ninqabadx tqila.*"

Kollega taghha tikkonferma hekk:

"*C beda juri x-xewqa li jizzewweg lil A u jibda familja, izda naf li mill-bidu tar-relazzjoni taghhom, A kienet qaltlu li hija ma riditx tizzewweg u qaltlu ukoll li ma kinitx lesta li jkollha t-tfal. Fil-fatt naf li A kienet ilha fuq il-contraceptive pill u baqghet tehodha anke waqt iz-zwieg sabiex zgur ma tinqabadx tqila.*"

Dwar l-atteggjament tar-rikorrenti, l-istess zewgha jikkonferma:

"*Illi fiz-zmien ta' Mejju u Gunju tas-sena 2002, A kienet bdiet tfittex dar x'tixtri, u dan riedet taghmlu wahedha. Jiena ma qbiltx maghha, izda hi qaltli li ma kinitx temmen f'"commitment" li jdum ghal dejjem u ghalhekk jekk il-post kien ikun taghha biss ma kienx ikun hemm xi forma ta' rbit jekk eventwalment kienet titlaqni. Ma kinitx temmen fiz-zwieg. Fl-opinjoni taghha kien bizzejjed li koppja tghix flimkien.*"

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar incident waqt ic-cerimonja tat-tieg u li dwaru xehed hu l-istess rikorrenti:

"*Waqt l-omelija, x'hin Fr. Philip De Marco (li halliena ftit xhur ilu) kien qed jghid zewg kelmiet helwin lil C u A, ohti qaltlu quddiem kulhadd li hi ma riditx tizzewweg u li kienet*

*qed tizzewweg ghal wicc ommi u minhabba C. Ohti m'ghandhiex lehen ohxon li jwassal, pero' jien li bhala xhud u tal-familja kont fuq l-ewwel bank, smajtha sew. Niftakar ukoll li ohti bdiet tiehu hafna affarijiet bic-cajt (bhal donnha kienet xorbot qabel) tant li ghal xi mumenti bdejt nisthi flokha.*"

Id-decizjoni tar-rikorrenti li ma jkollhiex tfal hija ukoll ben pruvata, tant li anke l-ginekologa kuranti taghha tikkonferma li hija dejjem kienet tippreskrivilha l-*contraceptive pill*, u dan ghal snin twal qabel u wara z-zwieg.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati gie ben spjegat fis-sentenzi fil-kawzi "**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**" (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009) u "**Dr Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-14 ta' Awissu, 1995), li ghalihom il-Qorti taghmel pjena referenza.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Ottubru 2005 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------